# Beati u Qaddisin...Jannar

3 ta' Jannar

## L-Isem Mqaddes ta' Gesu'

Ghal isem mqaddes ta' Gesu kull irkobba tmil fis-sema fl-art u kullimkien, jitrieghed ix-xitan u kull barka tinzel mis-sema fuq kull min isejjah dan l-isem. F'isem Gesu' saru mirakli kbar. San Pietru fejjaq li dak ir-ragel maghtub li ta' kuljum kien jitlob karita' hdejn il-bieb tat-tempju, maghruf bhala il-Bieb is-Sabih. Qatt ma mexa u f'isem Kristu Pietru qallu: "Fidda u deheb ma ghandix, izda f'isem Kristu nghidlek qum u imxi."




Pietru kien qieghed f'Enea u sab ragel miflug. Dan kien ilu tmien snin f'sodda. Pietru resaq lejh u qallu: " Enea Gesu' Kristu jfejqek." U dak minnu fih qam.

U kull fejqan spiritwali u materjali jsehh bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu li hu c-centru ta' kull gid u barka.

Ikun spiss fuq fommna dan l-isem mqaddes u qatt ma jkun li ahna inzebilhuh izda naghtuh glorja u tifhir.